**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tat-30 t'April, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 865/18GM**

Emmylou Aguilar Vella KI 56805A u Roderick Vella KI 270684M għal kull interess li jista' jkollu

-vs-

Ignatius Ciantar fil-kwalita' tiegħu ta' *Senior Manager* fi ħdan *Identity Malta Agency (Citizenship)* għan-nom u in rappresentanza tal-istess; u

L-Onorevoli Julia Farrugia Portelli fil-kwalita' tagħha ta' Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi talbu lil din il-Qorti tiddikjara, abbażi tal-premessi ivi dedotti, a tenur tal-Art. 469A tal-Kap 12, li ċ-ċaħda tat-talba tal-attriċi biex issir ċittadina Maltija hija nulla u konsegwentement tħassar id-deċiżjoni amministrattiva *de quo* u tordna lill-konvenuti jew min minnhom biex jagħtuha ċ-ċittadinanza;

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti li permezz tiegħu eċċepew li

1.l-attur m'għandux interess ġuridiku

2. Ignatius Ciantar mhux leġittimu kontradittur

3. l-għoti taċ-ċittadinanza hi prerogattiva tal-Istat u mhux egħmil amministrattiv

4. l-ebda persuna barranija m'għandha d-dritt takkwista ċ-ċittadinanza

5. l-aġir tal-konvenuti dejjem kien wieħed korrett

6. dejjem aġixxew fil-parametri tal-liġi

7. din il-Qorti ma tistax tordna l-għoti taċ-ċittadinaza

Rat in-nota tal-attriċi (fol 65) li permezz tagħha ċediet il-mertu stante li ġiet rikonoxxuta bħala ċittadin ta' Malta iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż;

Illi l-Qorti tosserva li s-seba' eċċezzjoni ċertament hija waħda valida; filwaqt li ma nġiebet l-ebda prova li l-eċċezzjonijiet l-oħrajn huma mingħajr fundament;

Fiċ-ċirkostanzi,  tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi u tordna li l-kawża tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA